MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum l-20 ta' Mejju, 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 524/2019/1 LM

**Christopher Guercio (K.I. 0446817L) u Mary-Anne Guercio (K.I. 552556M)**

***vs.***

**Foundation for Social Welfare Services u l-Aġenzija Appoġġ**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Christopher Guercio** (K.I. 0446817L) u **Mary-Anne Guercio** (K.I. 552556M), (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fit-22 ta' April, 2019, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti:*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, jixtiequ iżommu lill-intimati milli jieħdu l-minuri ABC (ID 243408L) mingħand ir-rikorrenti Christopher Guercio u Mary-Anne Guercio li huma l-foster-carers tal-minuri ABC. Illi huma ġew fdati bħala l-foster-carers tal-imsemmija minuri prattikament minn mindu twieldet. Illi għalhekk ir-rikorrenti huma prattikament il-ġenituri tal-minuri u l-minuri tħares lejn ir-rikorrenti bħala l-ġenituri tagħha.*

*Illi ttieħdet deċiżjoni illi llum, ossia t-22 ta' April, 2019, il-minuri tittieħed mingħand ir-rikorrenti u titpoġġa f'appartament ma' minuri oħra u għalhekk tittieħed mill-ambjent ta' familja. Illi l-minuri ma tridx tmur hemmhekk u trid tibqa' mar-rikorrenti. Illi r-rikorrenti wkoll ma jridux li l-minuri li għandha għaxar snin tittieħed minn magħhom. Illi dan imur kontra l-aħjar interessi tal-minuri. Illi l-aħjar interessi tal-minuri huma li titrabba ġewwa familja u mhux ġewwa appartament ma' minuri oħra. Illi dina l-'move' se tkun ta' ħsara u detriment u trawma għall-minuri; u dan għaliex se titneħħa mill-ambjent li trabbiet fih. Illi jekk il-minuri tittieħed mingħand ir-rikorrenti, id-drittijiet tar-rikorrenti kif ukoll tal-minuri ser jiġu leżi senjatament l-Artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi għalhekk huma qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' dana l-mandat sabiex jinibixxu milli l-minuri titneħħa minn magħhom.*

*Illi dana huwa manifestement ċar li mhuwiex fl-aħjar interess tal-minuri jekk il-minuri titneħħa minn mar-rikorrenti. Illi għalhekk qiegħed jiġi mitlub sabiex il-minuri ma titneħħiex minn mar-rikorrenti.*

*Illi għalhekk u għal motivi supra espressi u għal oħrajn li jistgħu jirrisorġu fit-trattazzjoni ta' dana l-mandat ir-rikorrenti għandhom kull interess li jitolbu li jinħareġ dana l-mandat b'effett immedjat u li jiġi applikat dak misjub fl-artikolu 875 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi stante l-urġenza tal-każ ir-rikorrenti jitolbu li sakemm ikun hemm digriet finali dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' temporanjament din it-talba.*

Rat illi l-intimati **Aġenzija Appoġġ** u l-**Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali** (minn issa 'l quddiem "l-intimati") ġew debitament notifikati bir-Rikors fit-22 ta' April, 2019.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April 2019 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-intimati **Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali** u tal-**Aġenzija Appoġġ,** ippreżentata fl-24 ta' April 2019, li tgħid:

*Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli jieħdu lill-minuri ABC mingħand ir-rikorrenti u l-istess minuri tingħata residenza alternattiva;*

*L-esponenti jissottomettu li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri.*

*Illi t-talbiet attriċi għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju sabiex l-Aġenzija Appoġġ ma tneħħix lill-minuri minn mal-atturi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti:*

***Ir-rekwiżiti legali sabiex ikun jista' jinħareġ mandat ta' inibizzjoni***

*Illi qabel ma jiġu indirizzati l-fatti tal-każ, l-esponenti sejrin jgħaddu sabiex jagħmlu sottomissjonijiet fil-qosor dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi l-Artikolu 873 (1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi:*

*"(1) L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet".*

*Illi ġie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni:*

*"huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat,*

*il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli … It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat" (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Mario Hili**, Qorti tal-Kummerċ, Rikors numru 3135/94 deċiża fit-22 ta' Settembru 1995).*

*L-esponenti jirrilevaw illi sabiex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti għandha ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali ħruġ huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li prima facie r-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet.*

*L-esponenti jirreferu wkoll għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) mogħti minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Lulju 2007 fejn ġie osservat illi:*

*"Ir-rekwiżiti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma:*

*I. Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNEĊESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];*

*II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT PRIMA FACIE JIDHER LI GĦANDU DAWK IL-JEDDIJIET".*

*Illi l-liġi tħares il-"jedd" prima facie, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. L-esponenti jirrileva illi wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib (**L-Avukat Dottor John Ludovic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti** – Mandat numru 976/08JRM).*

*L-esponenti jirreferu għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn ġie osservat illi:*

*"Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet*

*tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor".*

*Illi in oltre, l-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:*

*"(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tigi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma".*

*L-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u ċioè is-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.*

***Il-fatti***

*Il-fatti saljenti li huma rilevanti għall-finijiet tar-rikors odjern huma s-segwenti:*

*Illi huwa minnu li l-minuri ilha snin sħaħ tirrisjedi mal-atturi sussegwentement għall-ħruġ ta' ordni għall-ħarsien tal-istess minuri;*

*Illi madanakollu aktar ma bdiet tikber il-minuri, aktar bdew jitfaċċaw problemi bejn l-aspettativi tal-atturi fuq trobbija ta' minuri u l-minuri innifisha;*

*Illi hemm numru ta' professjonisti illi jsegwu u jaħdmu kemm mal-minuri kif ukoll mal-atturi. Inoltre bħal kull każ ieħor ta' minuri taħt il-kura tal-Istat, il-minuri tiġi segwita miċ-Children and Young Persons Advisory Board liema Bord jirċievi r-rakkomandazzjonijiet tal-ħaddiema soċjali nkarigati mill-każ, jiltaqa' mal-individwi kkonċernati u sussegwentement iħejji rakkomandazzjonijiet lill-Ministru fir-rigward tal-istess minuri;*

*Illi dan qiegħed jingħad għaliex matul is-snin, iżda b'mod aktar frekwenti, f'dawn l-aħħar xhur kien hemm okkażjonijiet fejn l-atturi ġew ikkonfrontati kemm mill-*

*ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, kif ukoll mill-Bord, fuq l-istil ta' dixxiplina li jużaw huma mal-minuri bħal meta ġie a konjizzjoni tal-ħaddiema soċjali illi l-attriċi Mary-Anne kienet sakkret lill-minuri waħedha fil-kamra tal-bejt bħala kastig jew meta l-istess attriċi "ħaslet" ħalq il-minuri bis-sapun. L-istess atturi kemm-il darba ġew ikkonfrontati fuq il-fatt illi jheddu lill-minuri illi kienu ser jitilquha l-Aġenzija Appoġġ jekk ma tobdihomx. Dawn l-inċidenti kollha ħolqu ħafna tensjoni u ansjetà fil-minuri liema minuri esprimiet aktar minn darba illi hi tħoss rabja kbira meta tkun fid-dar tal-atturi minkejja li fl-istess ħin tgħid li ma tixtieqx titlaq minn hemm għax dik hija darha ukoll wara dawn is-snin kollha;*

*Illi di più matul is-snin kien hemm ukoll telefonati kemm mill-minuri kif ukoll mill-foster carers fuq il-linja għall-għajnuna bin-numru 179. Mir-rekords tal-esponenti, meta ċempel l-attur Christopher Guercio huwa tkellem fuq l-imġiba ħażina tal-minuri u li l-minuri kienet għejjiethom bit-tantrums tagħha. F'Ottubru tas-sena 2018, l-attriċi kienet ċemplet fuq l-istess linji titlob li jiġi terminat il-placement u sabiex il-ħaddiema soċjali jmorru u jieħdu lill-minuri. Rekords tat-telefonati li daħlu fuq il-linja 179 qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati Dok R. Illi dan il-kliem huwa kliem li intqal mill-atturi b'mod rikorrenti tant li matul is-snin preċedenti għad-deċiżjoni tal-Aġenzija Appoġġ li l-placement jiġi terminat, kienu ġew offruti u użati aktar minn darba s-servizzi tar-respite fostering kif ukoll tas-social contacts għal minuri;*

*Illi madanakollu l-professjonisti kollha li huma nvoluti, kollha esprimew ruħhom bħala inkwetati ferm fuq il-benessere tal-minuri u kien għalhekk li wara ħafna tentattivi sabiex din tiġi evitata, ġie deċiż illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri li tiċċaqlaq mid-dar tal-atturi u tibda tirrisjedi f'residenza għall-minuri taħt il-kura tal-Istat. Illi għalhekk assolutament mhux minnu li din il-bidla ser tkun "ta' ħsara u detriment u trawma għal minuri" stante li din id-deċiżjoni ttieħdet wara konsultazzjoni bejn il-professjonisti nvoluti liema professjonisti anke semgħu x-xewqat u l-opinjoni tal-istess minuri. Bħala professjonisti hemm isegwu lill-minuri l-pedjatra tal-Aġenzija Appoġġ, is-Servizzi tal-Psikoloġija fi ħdan Sedqa, ħaddiema soċjali, professjonisti tas-servizz tal-family therapy u oħrajn. Dawn il-professjonisti kollha jistgħu jagħtu x-xhieda tagħhom quddiem din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li dan ikun opportun għas-savju ġudizzju tagħha;*

*Illi wara li l-ħaddiema soċjali kkonċernati ressqu din ir-rakkomandazzjoni, din ġiet evalwata mill-Bord hawn fuq imsemmi liema Bord wasal għall-istess konklużjoni u*

*b'hekk ressaq l-istess rakkomandazzjoni lill-Ministru konċernanti. Kopja tar-rakkomandazzjonijiet tinsab hawn annessa mmarkata Dok RB;*

*Illi jrid jingħad ukoll illi l-ħaddiema soċjali nkarigati mill-każ kienu nfurmaw lill-atturi li l-placement kien ser jiġi tterminat nhar it-12 ta' Marzu 2019 u kienu anke esploraw magħhom il-possibilità li minkejja li l-minuri ma kinetx ser tkun qiegħda tirrisjedi magħhom hija setgħet tmur tqatta' xi ġranet magħhom madanakollu l-atturi kienu oġġezzjonaw għal dan il-pjan ta' kura għall-minuri;*

***Mertu tar-rikors***

*Illi traċċjati l-fatti saljenti, l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, intenzjonati biex jivvessaw u jikkostitwixxu abbuż tal-proċedura ġudizzjarja.*

*Illi meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun qegħda ssir kontra l-Gvern jew kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha biex jirnexxi fit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni r-rikorrent irid juri wkoll skont l-artikolu 873(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-ħaġa li huwa qed jitlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq;*

*Proprju f'dan il-każ, it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni magħmula mir-rikorrenti taqa' minnufih għall-finijiet tar-rekwiżit imsemmi fl-ewwel parti tas-subinċiż (3) tal-artikolu 873 għaliex id-deċiżjoni tal-esponent Aġenzija Appoġġ kif ukoll tal-Bord mertu ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni ġja ġiet deċiża u iffirmata fid-29 ta' Jannar 2019;*

*Illi jrid jingħad ukoll illi meta l-minuri titqiegħed ma' foster carers dawn l-istess foster carers jiffirmaw ftehim mal-Aġenzija Appoġġ, fosthom illi huma jsegwu l-gwida tal-professjonisti li jkunu qiegħdin jaħdmu magħhom. Għaldaqstant meta l-istess atturi ma segwewx l-istess gwidi u l-istess inċidenti baqgħu jirrepetu ruħħhom, dan kien ifisser li anke skond il-liġi senjatament Artikolu 24(7) tal-Kap. 491 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Aġenzija Appoġġ għandha l-awtorità li twaqqaf dak il-placement. Raġunijiet oħra li għalihom l-Aġenzija għandha s-setgħa twaqqaf placement u li l-esponenti jissottomettu illi dawn l-istess raġunijiet huma applikabbli għal każ odjern, huma jekk il-Fostering Bord jiddeċiedi illi l-foster carers m'għadhomx adattati li jibqgħu jitqiesu bħala foster carers u jekk l-Aġenzija Appoġġ temmen illi l-placement m'għadux aktar fl-aħjar interess tal-minuri. L-atturi m'għandhomx dritt permanenti li jieħdu deċiżjonijiet fir-rigward tal-minuri stante li jibqgħu marbutin bil-kundizzjoni hekk kif*

*miftiehma fil-Foster Care Agreement. Skont ir-rikorrenti m'għandhomx il-jedd prima facie u dan stante; l-Artiklu 24(2) u (7) tal-Kap. 419 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipulaw illi kull dritt u dmir li għandu foster carer skond il-ftehim ta' foster care m'għandux jitqies bħala dritt jew dmir permanenti u li t-tqegħid ta' tifel jew tifla taħt foster care jista' jigi terminat mill-Aġenzija Akkreditata jekk it-tqegħid taħt foster care ma jibqax fl-aħjar interess tal-minuri, rispettivament.*

*L-esponenti jissottomettu li dak li jrid jiġi muri huwa li r-rikorrenti għandu jedd li jistħoqq li jigi kkawtelat liema jedd irid ikun wieħed oġġettiv u mhux suġġettiv. Minn analiżi tar-rikors in risposta jirriżulta li ma hemm l-ebda jedd oġġettiv għaliex minkejja li r-rikorrenti iqisu lilhom infushom "prattikament il-ġenituri tal-minuri u l-minuri tħares lejn ir-rikorrenti bħala l-ġenituri tagħha", il-liġi nostrana turi li l-foster carers għandhom jimxu mad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija Akkreditata u ċ-Children and Young Persons Advisory Board li jiddeċiedi dwar l-istess. L-esponenti jirrilevaw ukoll li mad-daqqa t'għajn jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma għandu l-ebda dritt oġġettiv x'jivvanta u dan stante li kif ġie muri f'dina r-Risposta l-esponenti dejjem imxew fil-parametri tal-Liġi nostrana.*

*Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-fatt jekk il-ħsara li minnha r-rikorrenti jillamenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod iehor. Dan jimplika li r-rikorrenti għandu jġib prova li l-preġudizzju li ser isofri huwa wieħed li ma jistax jitranġa u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi r-rikorrent m'huwiex ser isofri preġudizzju irrimedjabbli u dan stante illi ċ-Children and Young Persons Advisory Board jissottometti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministru li f'idejh għandu l-kura u l-kustodja tal-minuri ABC, in kwistjoni. Inoltre dan il-proċess isir bejn wieħed u ieħor kull sitt xhur għalhekk r-rikorrenti setgħu dejjem issottomettew l-aggravju tagħhom fid-drabi ta' wara;*

*Illi għal darb'oħra jiġi sottomess illi din id-deċiżjoni ttieħdet minn numru ta' professjonisti illi ħadmu kemm mal-atturi kif ukoll mal-minuri. L-istess deċiżjoni ġiet ikkonfermata miċ-Children and Young Persons' Advisory Board li huwa Bord independenti mill-Aġenzija Appoġġ;*

*Illi għalhekk, l-esponenti jissottomettu li l-proċedura odjerna konsistenti fit-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija kemm irritwali kif ukoll inidoneja u abbużiva u li għalhekk għandha tiġi skartata.*

*Dwar l-aspett tal-proporzjonalità, meta wieħed jiżen il-preġudizzju jew hardship li jista' jġarrab ir-rikorrenti, liema preġudizzju ma ġiex indirizzat fil-mandat tar-rikorrenti, il-preġudizzju li ser isofru l-esponenti ħa jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment jista' jġarrbu ir-rikorrenti. Dan għaliex huwa manifest li ċ-Children and Young Persons Advisory Board ma jkunx f'pożizzjoni aktar milli jikkomunika deċiżjonijiet fir-rigward ta' rakkomandazzjonijiet magħmula quddiemu għaliex jispiċċa f'pożizzjoni li jiġi mhedded mill-applikanti stess illi ser jiftħu proċeduri straordinarji, bħal dik odjerna. Wisq aktar, il-mekkaniżmu stabbilit bil-Liġi u l-awtoritajiet li jirregolaw il-foster care f'Malta jisfaw f'paraliżi stante illi ma jkunux jistgħu jesegwixxu deċiżjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, f'każ li l-mandat odjern jiġi milqugħ, l-esponenti ser isofru żewġ preġudizzji, ossia paraliżi ta' Bord kważi ġudizzjarju li jiddeċiedi dwar minuri fis-sistema tal-out-of-home care u paraliżi tal-awtoritajiet li jesegwixxu deċiżjonijiet relatati mal-foster care.*

*F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li jista' jsofru l-esponenti ma' dak li jista' jsofri r-rikorrenti huwa bil-bosta evidenti li d-dannu li jista' jġarrbu l-esponenti fl-eventwalità li jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub, huwa ferm akbar mid-dannu li jista' jsofri r-rikorrenti li kieku dan il-mandat ma jinħariġx.*

*Illi għalhekk l-esponenti jissottomettu illi d-deċiżjoni li jiġi terminat il-placement tal-minuri ma tteħditx b'kapriċċ jew bl-għaġġla anzi ttieħdet biss meta ma kien fadal l-ebda alternattiva u dan għaliex il-professjonisti nvoluti bdew jaraw pattern kemm fl-imġiba tal-foster carers kif ukoll f'dik tal-minuri. Il-professjonisti nvoluti kollha huma tal-fehma illi l-placement tal-minuri mal-atturi m'għadux ta' ġid għall-istess minuri li kemm-il darba kkummentat kemm tħossha anzjuża u kemm tħoss li ma temminx fiha nnifisha b'riżultat tal-ambjent li tirrisjedi fih mal-atturi. In-numru vast ta' inċidenti li kien hemm matul is-snin li tagħhom dejjem inżammu rekords juru illi r-relazzjoni bejn l-atturi u l-minuri mhix waħda feliċi anzi hija waħda li pjuttost tista' titqies ta' abbuż. Kopja tar-rekords tal-esponenti fil-forma ta' timeline qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok T;*

*Illi ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex toħroġ il-mandat in kwistjoni peress li ma jikkonkorrux l-elementi neċessarji għall-ħruġ ta' tali mandat. Illi lanqas fil-mertu, ir-rikorrenti ma rnexxilu jipprova li t-talba tiegħu hija mistħoqqa u dan stante illi l-liġi teħtieġ li r-rikorrenti juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' tali mandat. L-ewwel ħaġa li jrid juri hu li l-mandat huwa meħtieġ biex iħares il-jedd pretiż mir-rikorrenti u*

*t-tieni ħaġa li r-rikorrenti jkun jidher li prima facie għandu dak id-dritt. Iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi.*

*Illi fil-każ odjern, jidher bl-aktar mod lampanti li r-rikorrenti ma għandux prima facie d-drittijiet li qed jippretendi li għandu u kieku kellu tali drittijiet il-mandat ta' inibizzjoni li qed titlob il-ħruġ tiegħu fi kwalunkwe każ ma kienx ikun meħtieġ sabiex ir-rikorrenti jħares id-drittijiet pretiżi minnu.*

*Illi l-esponenti b'rispett jissottomettu illi d-deċiżjoni li l-minuri titneħħa minn mal-atturi ttieħdet bir-reqqa u b'konsultazzjoni vasta mal-professjonisti nvoluti u ttieħdet biss fuq il-premessa li din il-bidla hija neċessarja fl-interess suprem tal-minuri ABC.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tissottometti li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti twaqqaf lill-intimati milli jneħħu lill-minuri ABC minn mar-rikorrenti u milli jtemmu l-*placement* li l-minuri għandha mal-istess rikorrenti bħala *foster carers* tagħha. Ir-rikorrenti ilhom *foster carers* tal-minuri mindu din kien għad għandha biss ftit ġranet, u dan wara li kienet inħarġet Ordni ta' Ħarsien fil-konfront tal-istess minuri li permezz tagħha l-kura u l-kustodja tal-minuri għaddiet f'idejn l-Istat. Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn deċiżjoni li jidher li ttieħdet mill-intimati

fit-22 ta' April, 2019[1], sabiex l-imsemmija minuri tittieħed mingħand ir-rikorrenti u titpoġġa fi *placement* alternattiv. Ir-rikorrenti jilmentaw li din id-deċiżjoni min-naħa tal-intimati hija leżiva tal-jeddijiet tagħhom u tal-minuri stante li tinċidi fuq id-dritt tagħhom li jgħixu bħala familja, u jsostnu li din id-deċiżjoni mhix fl-aħjar interess tal-minuri li ser titneħħa mill-uniku ambjent ta' familja li taf, kontra r-rieda tagħha u kontra r-rieda tar-rikorrenti.

L-intimati min-naħa tagħhom wieġbu li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandha tiġi miċħuda u dan minħabba li kien hemm numru ta' professjonisti speċjalizzati fil-qasam tal-kura tat-tfal li evalwaw iċ-ċirkostanzi tal-minuri, u li lkoll qablu u għamlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom sabiex il-*placement* li din il-minuri għandha mar-rikorrenti jintemm stante li m'għadux meqjus li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li din tibqa' tgħix mar-rikorrenti bħala l-*foster carers* tagħha. Ġew iċċitati numru ta' episodji u inċidenti li wasslu biex iċ-ċirkostanzi li qiegħda titrabba fihom il-minuri jiġu evalwati minn diversi esperti, li wara snin ta' rakkomandazzjonijiet u diversi forom ta' għajnuna offruti lir-rikorrenti, waslu għad-deċiżjoni li l-minuri għandha tittieħed mingħand ir-rikorrenti u titpoġġa f'appartament jew istituzzjoni fejn tkun qed tgħix ma' minuri oħra, u dan fl-aħjar interess tal-istess minuri.

[1] Mill-provi rriżulta li din id-deċiżjoni kienet ittieħdet xi xhur qabel.

**Provi u riżultanzi**

L-intimati ppreżentaw numru ta' dokumenti b'rapporti varji li saru minn voluntiera li jkunu qegħdin jassistu lill-persuni li jagħmlu sejħiet fuq in-numru 179, minn fejn jirriżulta li kemm il-minuri ABC kif ukoll ir-rikorrenti, bħala *foster carers* tagħha, għamlu numru ta' telefonati tul is-snin li l-minuri ilha tgħix mar-rikorrenti, li permezz tagħhom intalbet l-għajnuna[2], fosthom telefonati li fihom ir-rikorrent Chris Guercio talab li t-tifla titneħħa mill-*placement* li kellha mar-rikorrenti minħabba li dawn ma setgħux jittolleraw aktar l-imġiba tagħha.

Ġiet ippreżentata wkoll kopja tar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Bord Konsultattiv tat-Tfal u Żgħażagħ li ssuġġerixxa li għandu jinstab *placement* alternattiv għall-minuri, kif ukoll li din għandha tibda kuntatt mas-*social contacts* gradwalment, kif ukoll li r-rikorrenti u l-minuri jiġu assistiti permezz ta' servizz ta' *family therapy.*[3] L-intimati ppreżentaw ukoll *timeline* bl-inċidenti li ġraw bejn ir-rikorrenti u l-minuri fdata fil-kura tagħhom[4], minn fejn jirriżulta li l-ewwel inċidenti jirrisalu lura għal Awwissu tal-2009, meta l-minuri kien għad għandha sentejn, fejn ir-rikorrenti kienet diġà bdiet turi sintomi ta' għajja u li kellha bżonn l-għajnuna fit-trobbija tal-minuri. Kien hemm ukoll episodji ta' theddid da parti tar-rikorrenti li jidher li kemm-il darba infurmat lill-intimati li setgħu jieħdu lit-tifla minħabba li din ma kinitx qiegħda ġġib ruħha sew. Minn dan it-*timeline* dettaljat b'rapporti dwar inċidenti li jidher li ġraw b'mod

[2] *A fol.* 13 tal-proċess.
[3] *A fol.* 17 tal-proċess.
[4] *A fol*. 18 tal-proċess.

konsistenti tul is-snin kemm-il minuri ilha fdata fil-kura tar-rikorrenti, jidher ċar li l-intimati ilhom snin isegwu lil din il-minuri u dan il-*placement* partikolari, in vista tad-diversi inċidenti, ilmenti da parti tar-rikorrenti li ma xtaqux li jibqgħu jieħdu ħsieb lill-minuri minħabba fl-imġiba tagħha, argumenti bejn ir-rikorrenti u l-minuri, kif ukoll dawk li ġew deskritti bħala *tantrums* da parti tal-istess minuri. Jidher ċar ukoll li ġew involuti numru ta' professjonisti, fosthom psikologi, *social workers, family therapists* u pedjatra, li lkoll għamlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar il-każ u minn fejn jirriżulta li dawn kienu qegħdin jaqblu li dan il-*placement* ma kienx għadu fl-aħjar interess tal-minuri.

Fl-udjenza tad-29 ta' April, 2019 xehed ir-rikorrent **Christopher Guercio**[5], li qal li hu u martu ilhom jieħdu ħsieb lill-minuri sa minn meta din kien għad kellha tliet ġimgħat. Żied jgħid li fl-aħħar ġranet l-imġiba tal-minuri kienet irranġat, anki minħabba li din bdiet tieħu trattament mediku, u għalhekk hi aktar kalma u qiegħda tikkoopera aktar mal-*foster carers* tagħha. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li kien hemm numru ta' istanzi fejn l-Aġenzija Appoġġ talbet li tiltaqa' miegħu u martu fil-preżenza tal-minuri u għal xi raġuni jew oħra huma naqsu milli jmorru għal dawn l-appuntamenti. Qal li hu u martu ġew infurmati li l-minuri kienet ser tittieħed mingħandhom f'laqgħa li nżammet fil-bidu tas-sena fil-preżenza ta' numru ta' professjonisti li jaħdmu fil-qasam tat-tfal fi ħdan il-Bord Konsultattiv tat-Tfal u Żgħażagħ. Ir-rikorrent qal li dak il-ħin hu kien informa lil dawk preżenti li hu u martu kienu ser iżommu lill-minuri magħhom minħabba li d-deċiżjoni li din titpoġġa fi *placement* alternattiv ma kinitx korretta. B'riferiment għal *logs* tat-telefonati li saru fuq il-linja 179, ir-rikorrent

[5] *A fol.* 23 tal-proċess.

qal li kien hemm numru ta' drabi meta hu ċempel għall-għajnuna, għalkemm qal li hu qatt ma talab li l-minuri tittieħed mingħandhom. Ix-xhud qal li l-minuri tbati minn *attention deficit hyperreaction disorder* u minn *oppositional defined disorder,* u żied jgħid li minn meta bdiet tingħata kura għal dawn il-kundizzjonijiet, l-imġiba tagħha tranġat ħafna. Ix-xhud ma ċaħadx li kien hemm istanza waħda fejn bħala miżura korrettiva, hu kien ipprova jaħsel ħalq il-minuri bis-sapun, u kien hemm istanza oħra fejn l-istess minuri ttieħdet mir-rikorrenti fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ u qalulha li kienu ser iħalluha hemmhekk minħabba fl-imġiba ħażina tagħha. Ix-xhud qal li hu qatt ma xtaq li l-minuri tittieħed mingħandhom u tmur tgħix xi mkien ieħor. Ir-rikorrenti esebixxa għadd ta' messaġġi li allegatament inkitbu mill-istess minuri lir-rikorrenti, fejn din esprimiet dispjaċir għal drabi meta kienet diżubbidjenti, kif ukoll esprimiet ix-xewqa li tibqa' tgħix mar-rikorrenti li hi qalet li jitimgħuha u jħobbuha.[6] Ir-rikorrent qal li hu minnu li hu u martu kellhom diffikultajiet bit-trobbija tal-minuri partikolarment minħabba fl-imġiba tagħha, iżda żied jgħid li dan l-aħħar jidher li din l-imġiba ġiet ikkontrollata b'mediċina li qiegħda tingħata lill-minuri. Hu kkonferma wkoll li l-uniċi psikologi u professjonisti li jsegwu lill-minuri huma dawk li jaħdmu mal-intimati.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami tar-rikorrent, li kkonferma li kienu qegħdin isiru sessjonijiet ta' *family therapy* fil-preżenza tal-minuri, iżda li hu ddeskrivihom bħala "*waste of time*". Ikkonferma wkoll li ġiet esplorata l-possibilità li l-minuri tintbagħat għal *respite fostering,* għalkemm qal li ma kienx hemm *social contacts* li ġew introdotti mal-minuri. Qal ukoll li mhux

[6] Dokumenti esebiti *a fol.* 36 *et seq.* tal-proċess.

minnu li ngħataw servizzi psikoloġiċi mill-Aġenzija Sedqa u li dawn ippruvaw jaħdmu mar-rikorrenti u mal-minuri. Ix-xhud ikkonferma li saru tentattivi biex jinżammu numru ta' laqgħat bejn il-partijiet fil-preżenza tal-minuri, li kollha ġew ikkanċellati jew posposti mir-rikorrenti. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li r-rikorrenti ġew mistiedna jaraw l-*alternative placement* li nstab għall-minuri, huma ma marrux jarawh minħabba li ma kinux interessati f'dan.

Permezz ta' nota tat-2 ta' Mejju, 2019, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-*Fostering* bid-data tat-18 ta' Frar, 2019, fejn ir-rikorrenti ġew infurmati li huma kienu qegħdin jiġu fdati bil-kura tal-minuri ABC għal perijodu ta' ħames snin, sal-31 ta' Jannar, 2024.[7] Ġiet ippreżentata wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-*Fostering* tal-1 ta' Diċembru, 2008, fejn tqies li r-rikorrenti huma persuni idonei biex ikunu *foster carers.*[8] Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll kopja ta' *email* mibgħuta mill-avukat difensur tagħhom fis-16 ta' April, 2019 lil Josephine Muscat u Carmel Camilleri li jaħdmu mal-intimati, fir-rigward tad-deċiżjoni li ġiet komunikata lir-rikorrenti li l-minuri kienet ser tittieħed mingħandhom[9], flimkien ma' kopja ta' *email* tas-17 ta' April, 2019 li ntbagħtet lill-avukat difensur tal-intimati fejn intalbet laqgħa sabiex jiġi diskuss il-futur tal-minuri.

Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2019 xehdet **Mary Anne Guercio**[10], li qalet li kienet inżammet laqgħa magħha fil-preżenza tal-minuri, mill-Bord Konsultattiv tat-Tfal u Żgħażagħ, fejn ġie stabbilit li kellha tinbidel il-psikologa li kienet qiegħda

[7] *A fol.* 45 tal-proċess.
[8] *A fol.* 46 tal-proċess.
[9] *A fol.* 49 tal-proċess.
[10] *A fol.* 52 tal-proċess.

ssegwi lill-minuri. Ir-rikorrenti qalet li wara din il-laqgħa, is-*social worker* u l-*family therapist* ħaduha kontra r-rikorrenti minħabba li qalu li din id-deċiżjoni kienet ser tagħmel aktar ħsara lill-minuri. Ir-rikorrenti qalet ukoll li mhux minnu li waqt din il-laqgħa ġiet diskussa l-possibilità li jinstab *placement* alternattiv għall-minuri. Qalet ukoll li lanqas ma ġiet diskussa l-possibilità li l-minuri titpoġġa f'kuntatt ma' numru ta' *social contacts* b'mod gradwali, għalkemm qalet li hu minnu li ġie suġġerit li r-rikorrenti u l-minuri jingħataw aktar għajnuna u terapija minn *social workers* ġodda u minn psikologa ġdida. Ir-rikorrenti qalet ukoll li hi u r-raġel tagħha kienu rċevew ittra mill-*Fostering Board* fejn ġew infurmati li l-approvazzjoni tagħhom bħala *foster carers* tal-minuri kienet ġiet estiża sal-31 ta' Jannar, 2024. Qalet ukoll li hija kienet ġiet infurmata li l-minuri ma kinitx ser tibqa' tgħix magħha, mis-*social worker* tal-istess minuri. Għad-domandi li sarulha in kontroeżami, ix-xhud qalet li għall-bidu hi ddeċidiet li ma tagħtix il-mediċini li l-pedjatra rrakkomandat għall-minuri minħabba li wara li kienet uriethom lill-psikologa tagħha, din kienet esprimiet tħassib minħabba fis-*side effects* li dawn il-mediċini seta' jkollhom. Ir-rikorrenti kkonfermat li kien hemm numru ta' servizzi u għajnuniet li ġew offruti lir-rikorrenti da parti tal-intimati, fosthom *family therapy* u *respite fostering,* għalkemm qalet li l-ebda *social contacts* ma ġew offruti sabiex jgħinu fil-*placement* tal-minuri. Ir-rikorrenti qalet li fl-aħħar ftit ġimgħat saru tentattivi sabiex isiru laqgħat bejn il-partijiet f'dawn il-proċeduri, iżda għal xi raġuni jew oħra dawn ma nżammux, tant li żewġ *social workers* kellhom jistabbilixxu kuntatt mal-minuri fl-iskola fejn din tattendi. Ir-rikorrenti

kkonkludiet billi qalet li r-rikorrenti ilhom snin jixtiequ li jadottaw lill-minuri iżda ma tħallewx jagħmlu dan.

Fl-istess udjenza xehdet **Anna Edleby**[11] li qalet li xi ġranet qabel hi kienet stiednet lir-rikorrenti u lill-minuri ABC għall-festin id-dar tagħha. Qalet li dakinhar il-minuri kienet kwieta u mħassba, u f'mument minnhom ir-rikorrenti rċeviet telefonata u bdiet tinsisti li kienet għadha kemm waslet il-Mosta minn tas-Sliema u għalhekk ma setgħetx tmur fejn kienet qiegħda tintalab tmur minħabba d-distanza u l-ħin. Żiedet tgħid li kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-minuri kienu aġitati u l-minuri kienet tidher anzjuża u bdiet tgħid li ma tridx li tittieħed minn mar-rikorrenti.

L-intimati ppreżentaw kopja tal-Ordni għall-Ħarsien li nħarġet fir-rigward tal-minuri fis-16 ta' Marzu, 2009[12], flimkien ma' kopja tal-minuti ta' laqgħa tal-Bord tal-11 ta' April, 2019[13], li nżammet fil-preżenza ta' numru ta' professjonisti li segwew lill-minuri u fejn saret rakkomandazzjoni lill-Ministru għall-Familja, d-Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali li l-*placement* tal-minuri kellu jinbidel.

Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2019 xehdet **Laura Darmanin**[14], *social area leader* u *social worker* tal-minuri, li spjegat li l-*Advisory Board* hu ffurmat minn grupp ta' tmien persuni li jirrappreżentaw lill-Ministeru sabiex jevalwaw il-każijiet ta' minuri li jkunu taħt Ordni ta' Ħarsien. Ix-xhud qalet li dawn l-evalwazzjonijiet

[11] *A fol.* 68 tal-proċess.
[12] *A fol.* 73 tal-proċess. Il-minuri twieldet fis-16 ta' Lulju, 2008.
[13] *A fol.* 74 tal-proċess.
[14] *A fol.* 75 tal-proċess.

isiru fl-Aġenzija Appoġġ fil-preżenza tal-professjonisti u tal-*foster carers* u fejn ikun possibbli jattendu wkoll il-ġenituri tal-minuri. Qalet li wara dawn il-laqgħat jsiru numru ta' rakkomandazzjonijiet li jintbagħtu lill-Ministeru. Ix-xhud spjegat li hi ilha ssegwi lir-rikorrenti u lill-minuri sa mis-sena 2009, u dan minħabba li kien hemm diversi problemi u diffikultajiet bejn ir-rikorrenti u l-minuri. Qalet li tul is-snin ir-rikorrenti ġew offruti għadd ta' servizzi professjonali sabiex jgħinuhom, uħud minnhom kienu bi ħlas li għamel tajjeb għalih il-Bord Konsultattiv tat-Tfal u Żgħażagħ. Fost is-servizzi li ngħataw ir-rikorrenti kien hemm *family therapy, child care centre* li tħallas mill-Bord, *extra curricular activities* li tħallsu mill-Bord ukoll, servizz ta' psikologa, *high support carers,* żewġ *respite carers* kif ukoll *social contact,* liema servizz iżda ma ġiex aċċettat mir-rikorrenti. Ix-xhud identifikat ukoll min huma l-professjonisti li qegħdin jaħdmu mar-rikorrenti u mal-minuri direttament. Ix-xhud spjegat li d-deċiżjoni li l-minuri titpoġġa fi *placement* alternattiv ma tteħditx kapriċċożament, iżda ttieħdet biss wara li l-imsemmija minuri kienet ilha tiġi segwita għal perijodu ta' għaxar snin, li matulhom ftit kien hemm titjib fid-dinamika bejn il-*foster carers* u l-istess minuri. Ix-xhud spjegat li fis-sena 2009, meta l-minuri kienet għadha tarbija, ir-rikorrenti kienu diġà qegħdin juru li kellhom diffikultajiet biex jipprovdu stabbilità u sigurtà lil din it-tifla u għamlu numru ta' telefonati fejn talbu li ma jibqgħux aktar bħala *foster carers.* Ix-xhud żiedet tgħid li apparti t-telefonati fuq il-linja 179, kien hemm ukoll episodji fejn il-minuri ttieħdet fl-uffiċċji tal-Aġenzija Appoġġ u l-*foster carers* talbu l-għajnuna hemmhekk. Ix-xhud qalet li l-minuri hi anzjuża u turi nuqqas ta' stabbilità minħabba fil-biżgħa li għandha li r-rikorrenti jkeċċuha, u dan kollu hu

riżultat tal-fatt li kull darba li l-minuri ġġib ruħha b'mod li ma jogħġobx lir-rikorrenti, dawn jibdew jhedduha li ser jitterminaw il-*placement* tagħha. Ix-xhud qalet li d-deċiżjoni li l-*placement* jiġi tterminat ittieħdet waqt '*professionals meeting'* tal-*Advisory Board* li nżamm f'Novembru li għadda, u sadanittant instab *placement* alternattiv għall-minuri. Qalet li sar tentattiv biex ir-rikorrenti jitpoġġew f'kuntatt ma' *social contact* sabiex it-tranżizzjoni tal-minuri tkun aktar armonjuża, iżda r-rikorrenti rrifjutaw. Żiedet tgħid li sadanittant it-tensjoni bejn ir-rikorrenti u l-minuri kompliet tikber. Ix-xhud spjegat li l-ħiliet tar-rikorrenti mhumiex suffiċjenti biex ilaħħqu mal-bżonnijiet tal-minuri u kien fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li ġie deċiż li l-minuri għandha titpoġġa fi *placement* alternattiv fejn tittieħed tgħix f'appartament ma' numru ta' minuri li għandhom *background* simili għal tagħha. Intqal ukoll li r-rikorrenti ġew mistiedna jżuru dan l-appartament anki minħabba li l-pjan hu li dawn jitħallew ikollhom rwol fil-ħajja tal-minuri, għalkemm ma jibqgħux il-*carers* ewlenin tagħha.[15] Ix-xhud żiedet tgħid li anki wara li ttieħdet din id-deċiżjoni u ġiet komunikata lir-rikorrenti, dawn ġew mistiedna jattendu għal laqgħa fl-uffiċċju tal-Aġenzija Appoġġ, iżda huma naqsu li jattendu, u kellhom anki jintervjenu l-Pulizija sabiex seta' jiġi stabbilit kuntatt mar-rikorrenti. Ix-xhud qalet li t-tħassib tal-intimati kien kbir minħabba li l-minuri għandha Ordni ta' Ħarsien mill-Istat u għalhekk kien impellenti li jiġi assigurat li din kienet tinsab f'post sikur. Kien għalhekk li ġie deċiż li żewġ *social workers* iżuru lill-minuri fl-iskola fejn tattendi. Ix-xhud qalet li kien hemm numru ta'

[15] Fi kliem ix-xhud, *"We also invited them to visit the place themselves with the minor and also to continue being part of the minor's care plan but by having her sleep over eventually during the weekends because we do value their input and the well-being of the minor with them but at this point in time the situation has escalated where the minor is being emotionally neglected and it is causing a lot of disruption also in the foster carer's life."*

okkażjonijiet fejn professjonisti tkellmu mal-minuri, u l-minuri esprimiet ix-xewqa li ma tibqax tgħix mar-rikorrenti u tittieħed fi *placement* ieħor.

Fl-istess udjenza xehdet **Cynthianne Cardona**, *social worker* tal-minuri li taħdem fil-*Looked After Children Service* tal-Aġenzija Appoġġ[16]*,* li qalet li l-aħħar komunikazzjoni li kellha mal-minuri kienet biss ftit ġranet qabel meta żaret lill-minuri fl-iskola fejn tattendi. Ix-xhud qalet li l-minuri wriet riluttanza li tikkomunika magħha għall-bidu, iżda wara ftit qaltilha li kienet tinsab imdejqa minħabba li l-*foster carer* tagħha kienet ma tiflaħx. Ix-xhud qalet li r-rakkomandazzjoni oriġinali li jinstab *placement* alternattiv għall-minuri ttieħdet mill-Bord Konsultattiv tat-Tfal u Żgħażagħ fl-1 ta' Novembru, 2018, u din id-deċiżjoni ġiet komunikata lill-*foster carers* fit-12 ta' Marzu, 2019. Qalet ukoll li qabel dik id-data kien hemm sitt laqgħat oħra proposti, li kollha ġew posposti mill-*foster carers.* Ix-xhud qalet li numru ta' professjonisti tkellmu mal-minuri u qalulha li kien instab *placement* alternattiv u li dan kien qiegħed isir għall-ġid tagħha. Żiedet tispjega li wara r-rakkomandazzjonijiet li saru f'Novembru, kien ġie deċiż li għandu jiġi introdott *social contact* għall-minuri għal ftit sigħat fil-ġimgħa, xi ħaġa li r-rikorrenti rreżistew. Mit-2 ta' Jannar, 2019 'il quddiem saru diversi tentattivi sabiex issir laqgħa mar-rikorrenti u mal-minuri, liema laqgħa baqgħet ma saritx. Ix-xhud ikkonfermat li r-rikorrenti ġew infurmati li l-minuri ma kinitx ser tibqa' tgħix magħhom waqt laqgħa li nżammet fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ fit-12 ta' Marzu, 2019.

[16] *A fol.* 99 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet ukoll **Darlinka Barbara**, psikologa u psikoterapista li spjegat li kienet ilha ssegwi lill-minuri minn Marzu tal-2015 għan-nom tal-Foundation for Social Welfare Services (FSWS).[17] Ix-xhud qalet li fuq perijodu ta' erba' snin ġie rreġistrat progress anki minħabba li fil-bidu l-minuri kienet turi sintomi ta' trawma li kienet esposta għaliha, anki mill-mod kif kienet tilgħab. Ix-xhud qalet li tul dawn is-snin hi żammet għadd ta' laqgħat mar-rikorrenti fejn kienet tgħidilhom li kellhom jipprovdu aktar stabbilità fil-ħajja tal-minuri u li din kienet qiegħda turi sintomi ta' nuqqas ta' "*attachment"* mal-*foster carers* tagħha, minħabba n-nuqqas ta' sigurtà li dawn kienu qegħdin jagħtuha f'darhom. Ix-xhud qalet li hi taqbel li l-minuri titpoġġa fi *placement* alternattiv, minħabba li fi kliemha:

> *"I agree that she does need a more stable environment and more stable attachment figures."*

Ix-xhud ikkonfermat li meta l-*foster carer* kienet qaltilha li l-minuri kienet ingħatat mediċina antipsikotika, hi kienet esprimiet it-tħassib tagħha minħabba li fl-opinjoni tagħha l-imġiba tal-minuri setgħet tiġi kkontrollata b'modi oħra li ma jinvolvux it-teħid ta' mediċina li tista' tħalli *side-effects.* Madanakollu x-xhud qalet ukoll li l-ispeċjalizzazzjoni tagħha mhix fil-kamp mediku.

[17] *A fol.* 106 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni, l-iskop ta’ mandat ta’ din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> “873. (2) Il-qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.”

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, ’l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[18]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta’ preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta’ preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed “li ma jkunx jista’ jiġi rrimedjat”. Irid

[18] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[19]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[20]

[19] P.A., 13.05.2014.

[20] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

(3) Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[21] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn

[21] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu

qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[22];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[23]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[24]

**Ikkonsidrat:**

It-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni saret fl-isfond ta' li ġiet ikkomunikata lilhom deċiżjoni li ttieħdet mill-Bord Konsultattiv tat-Tfal u Żgħażagħ li għall-aħjar interessi tal-minuri kif ukoll tar-rikorrenti, il-minuri ABC tittieħed tgħix f'residenza alternattiva, u dan meta r-rikorrenti ilhom *foster carers* tagħha sa minn meta l-minuri kienet għadha tarbija ta' ftit ġranet. Jirriżulta li din id-deċiżjoni kienet motivata minn sensiela ta' inċidenti

[22] P.A., 25.01.2005.
[23] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[24] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited**, 27.12.16.

rappurtati lill-intimati kemm min-naħa tar-rikorrenti kif ukoll tal-minuri, u dan in vista ta' diversi problemi fl-imġiba tal-minuri, in-nuqqas min-naħa tar-rikorrenti li jimxu mal-gwida mogħtija lilhom mill-intimati fir-rigward tal-mod li bih kellhom jimxu mal-minuri, u snin twal ta' għajnuna professjonali f'diversi forom li l-intimati pprovdew lir-rikorrenti sabiex jgħinuhom jieħdu ħsieb lill-minuri bl-aħjar mod. Ġie kkonstatat minn numru ta' professjonisti mill-aġenziji intimati, li wħud minnhom xehdu f'dawn il-proċeduri, li r-relazzjoni bejn it-tifla minuri u r-rikorrenti baqgħet waħda mimlija ansjetà u tensjoni, bil-minuri tesprimi biżgħa u tħassib mad-diversi professjonisti li jsegwuha li r-rikorrenti għad ikeċċuha mid-dar. Jirriżulta fost problemi oħra, li sa mill-ewwel ftit xhur li r-rikorrenti ġew fdati bil-minuri bħala *foster carers*, dawn bdew jilmentaw li kienu qegħdin iħossuhom għajjenin, li kellhom bżonn l-għajnuna, u aktar ma din it-tifla bdiet tikber, aktar bdew jikbru l-isfidi u l-problemi għall-familja kollha, li wasslu biex il-minuri jkollha diffikultà tifforma '*attachment'* mar-rikorrenti, l-aktar minħabba li l-attitudni tagħhom ma pprovdietx l-istabbilità u s-sigurtà li din il-minuri għandha bżonn. Il-Qorti hawnhekk trid tissottolinea li fir-rwol tagħhom ta' *foster carers,* rwol nobbli li jirrikjedi dedikazzjoni u involviment kbir da parti tal-persuni li jidħlu għal dan ir-rwol, ir-rikorrenti m'għandhomx fdata lilhom il-kura u l-kustodja tal-minuri, iżda minkejja l-impenn emozzjonali, finanzjarju u soċjali li tali *carers* juru fil-konfront tal-minuri fdati lilhom, ir-rwol tagħhom fil-ħajja tal-minuri hu meqjus bħala wieħed temporanju, tant li l-*placement* magħhom jista' jiġi tterminat jekk ma jibqax jitqies li t-tkomplija tiegħu tkun fl-aħjar interess tal-minuri.

Il-minuri li fil-konfront tagħha hemm Ordni ta' Ħarsien iffirmata mill-Ministru responsabbli, ittieħdet taħt il-kura u l-kustodja tal-Istat, li jrid jassigura li din tingħata l-aħjar kura u attenzjoni possibbli, tant li kif irriżulta mill-provi, għal snin twal il-minuri ġiet segwita minn diversi professjonisti bi spejjeż kbar għall-Istat u għall-aġenziji li pprovdew dawn l-istess servizzi. Barra minn hekk, iċ-ċirkostanzi tal-istess minuri  jiġu diskussi u evalwati kultant żmien, sabiex jekk ikun hemm bżonn isiru rakkomandazzjonijiet għal tibdil fil-mod kif din l-istess minuri qiegħda tiġi kkurata, dawn it-tibdiliet isiru jekk ikun hemm ħtieġa, wara li tali rakkomandazzjonijiet jiġu kkonfermati mill-Ministru u mis-Segretarju Permanenti responsabbli, kif jidher li seħħ f'dan il-każ. Ir-rikorrenti jinsistu li ladarba qatt ma ġiet revokata d-deċiżjoni li huma jkunu *foster carers* tal-minuri, din ma tistax tittieħed mingħandhom u titpoġġa fi *placement* alternattiv, aktar u aktar meta ftit ġranet biss qabel ġiet komunikata lilhom id-deċiżjoni li l-minuri tittieħed fi *placement* alternattiv, huma irċevew konferma li huma kienu ser jibqgħu *foster carers* tal-minuri sas-sena 2024.

Waqt it-trattazzjoni, id-difensur tar-rikorrenti qajmet diversi lanjanzi dwar il-mod kif ġiet komunikata d-deċiżjoni tal-Bord lir-rikorrenti, iżda l-Qorti tfakkar li fir-rikors li bih intalab l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni mkien ma ġew attakkati l-formalitajiet li bihom ir-rikorrenti ġew infurmati li l-minuri ser titpoġġa fi *placement* alternattiv, iżda ntqal biss li din id-deċiżjoni mhix fl-aħjar interess tal-minuri. Minkejja li m'hemmx dubju li tul is-snin li matulhom il-minuri kienet fdata lir-rikorrenti, dawn għamlu dak kollu li setgħu biex iħarsuha u jtuha trobbija tajba, madanakollu l-Qorti tfakkar li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri huma fdati lill-Istat, u d-deċiżjoni li l-minuri titpoġġa

fi *placement* alternattiv ġiet approvata kemm mill-Ministru kif ukoll mis-Segretarju Permanenti responsabbli.

Il-Qorti kkonsidrat li minkejja li l-*Fostering Board* kien approva lir-rikorrenti bħala *foster carers,* madanakollu l-Bord Konsultattiv għat-Tfal u Żgħażagħ ħa konjizzjoni tal-pariri mogħtija lilu mid-diversi professjonisti li segwew lill-minuri tul is-snin, u li lkoll qablu li jkun fl-aħjar interessi tagħha li din ma tibqax tgħix mar-rikorrenti iżda li titpoġġa fi *placement* alternattiv. Tali rakkomandazzjonijiet ġew komunikati lill-Ministru responsabbli, li wkoll qabel li jkun fl-aħjar interess tal-minuri li r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord jiġu implimentati. Il-Qorti tirrileva li f'każ bħal dan, ir-rwol tal-Ministru huwa identiku għal dak ta' ġenitur bijoloġiku li jrid jaħseb u jiddeċiedi fl-aħjar interess tal-ulied minuri tiegħu. Jirriżulta wkoll li l-proċess li wassal biex saru dawn ir-rakkomandazzjonijiet kien wieħed twil u wieħed li involva diversi professjonisti li jaħdmu fil-qasam tat-tfal, li lkoll qablu bejniethom li jkun fl-aħjar interess kemm tal-minuri ABC, kif ukoll tar-rikorrenti, li din titpoġġa fi *placement* alternattiv għalkemm iżżomm xi forma ta' kuntatt mar-rikorrenti.

Il-Qorti kkonsidrat dak kollu li rriżulta mill-provi u mit-trattazzjoni fl-isfond tal-elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex jinħareġ mandat ta' din ix-xorta. Tqies li r-rikorrenti m'għandhomx jedd *prima facie* x'jikkawtelaw stante li l-kura u l-kustodja tal-minuri ABC, minkejja r-rwol ta' *foster carers* li r-rikorrenti qdew għal tant snin, hija fdata f'idejn l-Istat li jrid jassigura li l-minuri tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha bis-saħħa ta' deċiżjonijiet li jittieħdu fl-aħjar interess tagħha. Tqies li d-deċiżjoni li l-minuri tittieħed mingħand ir-rikorrenti ttieħdet

minn numru ta' professjonisti li segwewha tul is-snin, u dan fl-isfond tal-provi mressqa anki dwar l-atteġġjament tal-istess rikorrenti u dak li kienu jgħidu lill-minuri kull darba li din ma ġġibx ruħha kif jixtiequ huma. Jirriżulta li r-rikorrenti m'għandhomx il-kura u l-kustodja tal-minuri u għalhekk m'għandhomx il-jedd li jwaqqfu lill-aġenziji akkreditati milli jieħdu deċiżjoni li tkun fl-aħjar interess tal-minuri, għaliex tali jedd jispetta biss lill-Ministru u lill-Bord li jaġixxi bħala l-*lunga manu* tal-Ministru bir-rakkomandazzjonijiet li jagħmel. Barra minn hekk ma jirriżultax li l-att li huwa maħsub li jsir, dak li l-minuri tittieħed mingħand ir-rikorrenti u titpoġġa fi *placement* alternattiv, jista' jitqies li hu ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Lanqas ma jirriżulta li *prima facie* huma għandhom tali jedd, stante li jirriżulta bl-aktar mod ampju li dan il-jedd jispetta biss lill-aġenziji intimati u lill-Ministru responsabbli. Il-Qorti tqis ukoll li jekk tilqa' dan il-mandat tkun qiegħda toħloq sitwazzjoni ta' preġudizzju gravi u irrimedjabbli għall-intimati, li tista' ġġib il-paraliżi totali tal-istitut tal-*fostering*. Jekk dan il-Mandat jiġi milqugħ, tiġi kkreata sitwazzjoni anomala u ta' preġudizzju kbir għall-aġenziji akkreditati, fejn l-intimati filwaqt li huma fdati bir-responsabbilità li jieħdu deċiżjonijiet li jkunu fl-aħjar interess tal-minuri, ser isibu li persuni li m'għandhomx il-kura u l-kustodja tal-istess minuri, jistgħu jwaqqfu l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li wara kollox f'dan l-istadju jirriżulta f'livell ta' *prima facie* li ttieħdet fl-aħjar interess tal-minuri.

**Decide**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, stante li ma jirriżultawx sodisfatti l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex ikun jista' jinħareġ mandat ta' din ix-xorta.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-22 ta' April, 2019 sa fejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.**

Mogħti kameralment fl-20 ta' Mejju, 2019.